TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 123/22/MM

Jean Mifsud

Vs

Fantasy Island Club Malta

Illum, 17 ta' Jonar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-30 ta' Awwissu 2022 fejn talbet is-somma ta' elf erba mija u erbgħin ewro (€1,440), rappreżentanti t-total tal-miżata ta' żewġt itfal biex jattendu s-summer school.

Is-soċjeta' intimata pprezenta risposta ghal din it-talba u attendiet għas-seduta. Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra**

Illi f'Marzu 2022, ir-rikorrenti ibbukjat żewġ postijiet fl-iskola tas-sajf organizzata mis-soċjeta' intimata. It-tfal qatt ma attendew għall-iskola u dan minħabba li r-rikorrenti ma qablux ma xi termini u kundizzjonijiet li ġew imposti wara li dawn ġa kienu qablu u aċċettaw it-termini u l-kundizzjonijiet u ħallsu l-pagament sħiħ. Għalhekk ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lura s-somma ta' elf erba mija u erbgħin ewro (€1,440), rappreżentanti t-total tal-miżata ta' żewġt itfal biex jattendu s-summer school u ċioe' sebgħa mija u għoxrin ewro (€720) kull student.

Illi s-soċjeta' intimata ma tikkontestax il-verżjoni tar-rikorrenti iżda tispjega li dak li għamlet kien fl-interess tat-tfal b'mod ġenerali. Tispjega li l-post riservat għat-tfal tar-rikorrenti baqa' battal tul is-sajf kollu u tispjega li mitt ewro (€100) għal kull persuna jkopru t-trasport pprovdut minn terza persuna.

**Ikkunsidra**

Illi meta r-rikorrenti rreġistraw lil uliedhom fl-iskola tas-sajf u ħallsu l-miżata, daħlu fi ftehim kuntrattwali mas-soċjeta' intimata. It-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-ftehim tqiesu aċċettati miż-żewġ partijiet u għalhekk huma dawn it-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-ftehim ta' bejniethom. Illi fost it-termini u l-kundizzjonijiet, il-partijiet qablu li f'każ li r-rikorrenti jikanċellaw il-booking, is-soċjeta' intimata ma tkunx obbligata tagħti rifużjoni.

Illi huwa evidenti mix-xhiedha li r-raġuni prinċipali l-għaliex ir-rikorrenti riedet tikkanċella l-booking kienet minħabba bidla fit-termini u l-kundizzjonijiet u ċioe' is-soċjeta intimata infurmat lill-ġenituri li peress li kien hemm parteċipant li jbati minn allerġija, it-tfal ma setawx jużaw *sunblock.* Illi sussegwentement ġew infurmati li t-tfsl setaw imorru

b'*sunblock* ta' ditta partikolari li l-ingredjenti tiegħu ma kienux jagħmlu ħsara lill-parteċipant li huwa allerġiku għas-*sunblock.*

Illi r-rikorrenti deherilha li din kienet kundizzjoni tant projbittiva li kienet tippreferi li tikanċella l-booking milli tottempra ruħha magħha. Tgħid ukoll li kienet tippretendi li l-iskola tipprovdi dan is-*sunblock* partikolari mingħajr ħlas ġjaladarba kien qed jiġi imponut fuq il-ġenituri mingġajr il-kunsens tagħhom. Illi fil-fehma tat-Tribunal il-prezz ta' tletin ewro (€30) għal kontenitur ta' 200ml m'huwiex tant għoli li jimmerita r-rexxisjoni tal-kuntratt. Kien ikun aktar għaqli li r-rikorrenti xtrat dan il-prodott u llimitat it-talba tagħha għall-ispejjeż addizjonali li kienet nefqet meta komparat ma *sunblock* komuni, liema talba f'dan il-każ, dan it-Tribunal ma kien ikollu l-ebda diffikulta li jilqa'.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, minkejja li saret bidla unilaterali mis-soċjeta' intimata fit-termini u l-kundizzjonijiet, tali deċiżjoni tas-sojeta' intimata li inizjalment tipprojbixxi u mbagħad tirrestrinġi l-użu tas-*sunblock* għal prodott partikolari minħabba l-allerġija ta' parteċipant ieħor, tali bidla ma timmeritax li r-rikorrenti tittermina l-kuntratt tagħha mas-soċjeta' intimata. Dan it-Tribunal jirrikonoxxi r-responsabbiltà tas-soċjeta' intimata li tkun inklussiva, u tiżgura s-sigurtà u l-benessri ta' dawk kollha li jattendu, inkluż l-implimentazzjoni ta' politiki meħtieġa relatati mas-saħħa bħal fil-każ odjern.

Illi ir-rekwiżit li jintuża tip speċifiku ta' *sunblock* għa protezzjoni mix-xemx, għalkemm potenzjalment inkonvenjenti, ma jinstabx li huwa intrinsikament irraġonevoli jew tant iebsa li timmerita r-rexxisjoni tal-kuntratt. Għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, il-bidla fit-termini u l-kundizzonijiet, filwaqt li huwa devjazzjoni mit-termini oriġinali, ma tbiddilx b'mod fundamentali n-natura tas-servizz ipprovdut mill-iskola tas-sajf. Is-servizz ewlieni – is-superviżjoni u l-ingaġġ tat-tfal fl-attivitajiet tas-sajf – jibqa' intatt u bi ftit aktar koperazzjoni, t-tfal tar-rikorrenti setaw jattendu u jibbenifikaw mill-programm imfassal.

Illi d-deċiżjoni tal-ġenituri li jirtiraw lil uliedhom mill-iskola tas-sajf b'reazzjoni għall-bidla fil-regolamenti minkejja li r-rikorrenti jikonoxxuwa bħala deċiżjoni meħuda fl-interess ta' uliedhom, madankollu, din id-deċiżjoni trid tiġi mwieżna minn dan it-Tribunal fid-dawl tal-ħtieġijiet u r-raġonevolezza tal-bidla fit-termini u kundizzjonijiet tas-soċjeta' intimata anki fl-isfond tal-parteċipanti kollha tagħhom. Tali deċiżjoni qed issir fl-interess li jiġu bbilanċjati d-drittijiet u l-obbligi taż-żewġ partijiet taħt il-ftehim kuntrattwali u l-aspettattivi raġonevoli li jirriżultaw minnu.

Filwaqt li l-ġenituri kellhom id-dritt li ma jaqblux mal-bidla fil-termini u l-kundizzjonijiet, hija l-fehma tat-Tribunal li l-irtirar tat-tfal mill-iskolasajf ma kienx l-uniku kors ta' azzjoni disponibbli jew raġonevoli. Soluzzjonijiet alternattivi kien hemm, ossia użu tas-sunblock speċifikat, bid-evidentement ma ġewx segwiti

DECIDE

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal jikkonkludi li l-bidla fit-termini u l-kundizzjonijiet, għalkemm inkonvenjenti, ma kinitx irraġonevoli minħabba l-kuntest ta' tħassib relatat mas-saħħa. Barra minn hekk, tali bidla ma bidlitx b'mod fundamentali t-termini tas-servizz ipprovdut. Għaldaqstant qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru